MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Numru 1048/2004

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Meniar Gharz Eddin, iben Sagar, imwieled il-Libja fit-12 ta' ottubru, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, f'ottubru, 2004 seraq 'cheque' għad-dannu ta' Charles Cassar mill-Madliena liema serq hu kkwalifikat bil-persuna;
2. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' 'cheque' tal-kumpanija Champlin Co. Ltd. li l-proprjetarju tagħha hu Charles Cassar;
3. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati

wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' 'cheque' tal-kumpanija Champlin Co. Ltd.;

4. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, xjentement għamel użu minn ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra falsifikati, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

5. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

7. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, u cioe' 'cheque' tal-kumpanija Champalin Co. Ltd.;

8. talli fit-30 ta' ottubru, 2004 b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, inganna jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' sitt mitt lira maltin (LM600) għad-dannu ta' Charles Cassar mill-Madliena;

9. talli fis-26 ta' novembru, 2004 għal ħabta tal-4.00 p.m. inġurja jew hedded lil Charles Cassar quddiem ir-residenza tiegħu fil-Madliena;

10. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi qal kliem oxxen u indeċenti fil-pubbliku;

11. talli naqas li jirraporta tibdil fil-‘partiuculars’ jew xi tagħrif ieħor li jkun jijnsab fil-karta ta’ l-identita’, u cioe’ tibdil fl-indirzz lill-uffiċjal awtorizzat;
12. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta meta kkometta reat ieħor wara li ngħata sentenza fejn ġie lliberat taħt il-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta’ settembru, 2003;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna ta’ Charles Cassar u il-mara tiegħu bil-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-14 ta’ diċembru, 2004 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ novembru, 2005 fejn Charles Cassar informa l-Qorti li hu ġie mogħti l-flus dovuti u ma jrid xejn mingħand l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ marzu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dik l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(d), 268(d), 281(a), 167(1), 169, 183, 184, 189, 308, 338(bb) u 339(e) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 9 u 14(1) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------